MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2015

Numru 404/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Ans Ghodban**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Ans Ghodban, iben Majddin u Hajer nee` Ben Baya, imwieled 27 ta' Lulju 1995, Ungerija, residenti Hal Far Open Centre, detentur tal-passaport Libjan Numru 509575 u referenza tal-Pulizija numru 18336;

(a) Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' April 2015, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

Ikkommetta serq ta' oggetti fosthom Eur 70 fi flus kontanti, Eur 200 fi flus kontanti, mobile tal-ghamla Samsung S4 mini ta' kulur ahmar u iehor ta' kulur iswed, mobile Samsung S3, mobile Samsung S2, mobile tal-ghamla I Phone 5S u zewg mobiles tal-ghamla Vodafone ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (Artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(b) Akkuzat ukoll talli fit-30 ta' April 2015 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (4.30 p.m.) minn Triq San Gorg, San Giljan u/jew mill-vicinanzi kkommetta serq ta' portmoni li kien fih Eur 30 flus kontanti, '*credit cards*' u dokument personalii, liema serq huwa aggravat bil-'vjolenza' ghad-detriment ta' Daria Dragoljevic u/jew persuni ohrajn (Artikolu 262(2), 284, 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(c) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta (sikkina) minghajr ma kellu licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma (Artikolu 6, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

(d) Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna (minbarra omicidju volontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq, u fil-waqt li kien qed jigi arrestata ghal delitt, kellu fil-pussess tieghu arma regolari (sikkina) (Artikolu 55, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

(e) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded lil Daria Dragoljevic (Artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(f) Akkuzat ukoll talli fil-21 ta' April 2015, ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00 p.m.) minn tas-Sliema u/jew mill-vicinanzi bil-hsieb li jaghmel delitt cioe` jisraq *mobile* u/jew oggetti ohra ghad-dannu ta' Laurence Mclaughlin u Gianni Zenere wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun aggravat bil-valur (Artikolu 41(1)(a), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(g) Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg li kienu misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom (Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi l-ahhar imputazzjoni ossia l-imputazzjoni (g) hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet (a) u (b) migjuba kontra l-imputat;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet (a) sa (f) migjuba kontra tieghu, il-Qorti qed issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Qieset ghal fini ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni (d), illi r-reat ikkontemplat f’din l-imputazzjoni huwa kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) u applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet (a), (b) u (f) u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni (e).

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi ammetta wkoll ghal diversi reati ta’ serq li l-pulizija ma kellhom l-ebda hjiel dwarhom. Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi ghalkemm il-fedina penali tieghu hija wahda netta, mill-istqarrija tieghu, jirrizulta illi huwa kien ilu gewwa Malta biss mill-15 ta’ Jannar 2015 u in oltre illi parti zghira biss mir-*res furtiva* giet ritornata ghaliex fil-bqija din lahqet giet mibjugha mill-imputat. In oltre ikkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-imputat ghadu ta’ eta` zghira, mill-banda l-ohra huwa kkommetta ghadd ta’ serqiet f’qasir zmien u tenut kont ukoll illi fl-okkazzjoni li nqabad, is-serq kien akkumpanjat bil-vjolenza, il-Qorti tqis illi dan jirrendi c-cirkostanzi tal-kaz ferm izjed gravi u serji. Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt illi m’hijiex qeghda zzid il-piena fir-rigward tal-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9, jidhrilha illi piena ta’ prigunerija effettiva, anke jekk fil-minimu taghha, tkun wahda idonea f’dan il-kaz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b) u (d), 18, 41(1)(a), 261(a) u (c), 262, 267, 276, 279(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 6, 51(7) u 55(b) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet (a) sa (f) migjuba kontra tieghu u qed

tikkundannah ghall-piena ta’ **tlettax-il (13) xahar prigunerija effettiva –** li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom **-** u **multa ta’ mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47)**.

Stante illi din giet iddikjaratha mill-Prosekuzzjoni bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet (a) u (b), il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni (g).

Ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tal-musipprezentat fl-atti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------